# KLIEM ĠDID FIL-MALTI

## X'KITBULNA

Fil-għadd ta' Awissu, faċċ. 88 ta' dan il-qari ħajjarna l-kittieba żgħażagħ jibdew huma wkoll isawwru xi kliem ġdid u jibagħtuh lilna qabel ma jdaħħluh fil-kitba. Kliemna ma marx mar-riħ. Sa nġibu hawn x'kitbilna D. K. F u nuru fejn għalet.

"Jidhirli li mill-vrieb *silem* u *għalem* jista' wieħed joħroġ iż-żewġ aġġettivi *sielem* u *għaliem*....*Sielem* ifisser *vantaġġus*....*għaliem* ifisser wieħed li jitgħallem malajr."

Inwieġbu: L-aġġettiv *sielem* magħmul tajjeb, iżda ma jfissirx "*vantaġġus*" *Silem* ifisser *kien tajjeb*, *kellu l-ġid* u u mhux *kien ta' ġid*, għalhekk *sielem* tfisser wieħed li jħoss ruħu f'siktu, li hu qawwi u sħiħ. Fil-grammâtka Għarbija jgħidulu *sielem* dak il-verb li fil-bini u fit-tiswir tiegħu jżomm dejjem it-tlett konsonanti tal-għerq magħżulih minn xulxin L-aġġettiv *għaliem* mhux magħmul tajjeb. Minn *għalem*, nistgħu ngħidu *għâlem* ta' għamla waħda bħal *sielem*, u jfisser wieħed li jaf, għaref, u nistgħu ngħidu ukoll *għalîm*, ta' għamla waħda bħal *għażiż* u jfisser ukoll *għaref*.

"Mill-avverb *gewwa* jista' wieħed jagħmel il-verb *ġewwen* jiġifieri *daħħal gewwa*, hekk. Jiena ġewwintek f'qalbi, qabel ma kont tafni."

Tajjeb. Iżda nistgħu ngħidu ukoll *ġewwa*, *iġewwi* bħalma ngħidu *barra*, *ibarri*; hekk: *Min ma tafux*, *la ġġewwihx*, jiġifieri la żżommux bħala wieħed ta' ġewwa.

"Minn *tifel* u *raġel* jistgħu jsiru l-vrieb *tfajjel jitfajjel* u *trieġel*, *jitrieġel*,"

Le; minn *tifel* ngħidu *ittiffel*, *jittiffel*; hekk: *Meta nagħmilha mat-tfal*, *nittiffel bħalhom* (u mhux *nitfajjel*), jiġifieri: *nagħmilha ta' tifel bħalhom*. Minn *raġel* aħjar ingħidu *traġġel* inkella *trieġel*, hekk: *In-nisa tal-lum iridu jitraġġlu*, jiġifieri: *jagħmluha ta' rġiel*.

"Minn *difer* nistgħu ngħidu *differ*".

Tajjeb. U għalhekk lil dik it-tifla li kienet tqaxxar laringa b'difirha qaltilha sewwa ommha: *X'inti iddiffer hemm!*

"Min *pinna* nagħmlu *pinnen*".

Tajjeb. Darba waqt li D. K. F. kien qiegħed jikteb daħal wieħed fuqu u qallu: *X'inti tpinnen hemm?* u qallu tajjeb.

P. P. SAYDON.